**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar Hamis, 19 ta' April 2001.**

**Numru**

**Att ta' akkuza Numru 13/98**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mario Pollacco**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-akkuzat Mario Pollacco kontra sentenza preliminari tal-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija fit-28 ta' Lulju 1999, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza 13 tal-1998;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet u l-lista ta' xhieda u dokumenti tal-akkuzat, minnu ppresentati fit-18 ta' Dicembru, 1998;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Jannar, 1999 li permezz taghha ta avviz ta' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' ta' provi, u senjatament l-eccezzjoni ta' l-inammissibilita' tax-xhieda Professur Joseph Camilleri u Dott. Joseph Louis Grech mitluba mid-difiza;

Rat in-nota tal-akkuzat tal-20 ta' Jannar, 1999 li permezz taghha (u kif ordnat minn din il-Qorti bid-digriet taghha tas-6 ta' Jannar, 1999) indika l-oggett tal-prova taz-zewg xhieda aktar 'l fuq imsemmija, cioe' Professur Joseph Camilleri u Dott. Joseph Louis Grech;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 1999; rat ukoll in-nota ulterjuri tal-akkuzat tas-26 ta' Mejju, 1999; rat l-attijiet tal-istruttorja safejn kien mehtieg ghad-determinazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar provi; ikkunsidrat:

1. L-akkuzat qajjem diversi eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar provi u xhieda; l-avukat Generali wkoll isolleva l-eccezzjoni tal-inammissibilita' ta' zewg xhieda indikati mill-akkuzat. Din il-Qorti ser tghaddi issa biex tiddetermina dawn l-eccezzjonijiet kollha.

2. Qabel ma tghaddi biex taghmel dan, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjoni. L-Artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali, moqri flimkien ma' l-Artikolu 449(1), jistablixxu terminu <u>perentorju</u> li fih ghandhom jinghataw l-eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi mill-akkuzat (terminu perentorju simili jinghata lill-Avukat Generali fir-rigward ta' l-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi li hu jkun irid iqajjem (Art. 438(3)). Spiss qed jigri, pero', li wara li jkunu inghataw dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat jipprova -- fit-trattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju ta' appell -- jwessa' l-istess eccezzjonijiet jew jisposta l-bazi taghhom, b'mod li l-eccezzjoni tigi tkopri ferm aktar minn dak li jkun gie originarjament eccepit fin-nota presentata entro t-terminu ta' hmistax-il jum tax-xoghol kif provvdut fl-imsemmi Artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta ghal evazjoni tat-terminu perentorju msemmi, b'mod li jkunu effettivament qed jigu sollevati eccezzjonijiet <u>wara</u> li jkun skada dak it-terminu. Dan qed jinghad ghax propju fil-kaz odjern, l-akkuzat, riferribbilment ghall-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi, l-ewwel issolleva eccezzjoni li kienet kjarament limitata fil-portata taghha; wara, permezz tan-nota tieghu tas-26 ta' Mejju, 1999, sposta kompletament il-bazi (ga dikjarata) ta' dik l-eccezzjonijiet b'mod li effettivament gie li qed jissolleva eccezzjoniji gdida. Ghalhekk din il-Qorti ser timxi strettament ma' dak li gie sollevat fin-nota tat-18 ta' Dicembru, 1998 u ser tinjora dik l-eccezzjoni jew dawk l-eccezzjonijiet li hi tqis li huma godda u li ingabu f'dik li suppost kienet biss nota (tas-26 ta' Mejju, 1999) intiza biex tindika dak mitlub mill-Qorti fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 1999.

3. L-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat tghid hekk:

"Illi in linea preliminari, l-Att ta' Akkuza numru 13/98 huwa null u bla effett stante li hu redatt mhux skond il-ligi u mhu xejn hlief frott il-fantasija tal-prosekuzzjoni; illi dan jikkostitwixxi mhux biss ksur tal-ligi ta' procedura kriminali u l-ispirtu taghha, izda kif inhu redatt jimmina serjament is-serenita' f'mohh il-gurati".

Dak li bazikament qed jghid l-akkuzat hu li l-fatti kif esposti, u konsegwentement l-akkuzi kif migjuba, ma jsibu ebda bazi fir-realta' jew fl-attijiet tal-istruttorja. Din il-Qorti ser tirrespingi din l-eccezzjoni. Eccezzjonijiet simili diga inghataw f'kazijiet ohra u gew michuda kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Din il-Qorti ghandha necessarjament tippresumi li meta l-Avukat Generali ezamina l-attijiet tal-istruttorja hu kien sodisfatt li l-fatti kienu sostanzjalment kif qed ipoggihom fil-parti espositiva taz-zewg kapi migjuba kontra l-akkuzat Pollacco. Din il-Qorti ser tillimita ruhha li tikkwota minn dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq eccezzjoni

simili fis-sentenza taghha tal-14 ta' Gunju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Christopher Borg, Mario Joseph Rodenas u Allison Micallef</u>**:

*"In realta' dawn il-Qrati diga kellhom diversi drabi l-opportunita' jiddeciedu x'inhi l-posizzjoni legali f'kazijiet bhal dan u cioe' li l-ezami li jrid isir biex wiehed jistabilixxi hux sodisfatt il-vot tal-ligi mhuwiex illi jigu ezaminati l-atti kollha tal-istruttorja, id-deposizzjonijiet kollha tax-xhieda, u l-provi kollha biex jigi stabbilit jekk kull fatt kif inhu ndikat fl-Att ta' l-Akkuza huwiex korrett jew le imma huwa bizzejjed jekk il-fatt addebitat jew ir-reat addebitat lill-akkuzat ikun jirrisulta almenu mir-rapport guramentat meta tkun saret il-presentata. Din hija gurisprudenza kostanti u kwazi centenarja u ma jidhirx li jista' jkun hemm ragunijiet bizzejjed ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisassocja ruhha minnha".*

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti qed **tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni**.

4. It-tieni eccezzjoni tal-akkuzat tghid testwalment hekk:

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda t-tieni kap tal-att tal-akkuza, l-aggravju tal-mezz mhux biss ma johrogx mill-fatti kif dedotti, izda espressament jintqal l-oppost fil-parti espozittiva".

Hawnhekk l-akkuzat qieghed evidentement jinvoka l-paragrafu (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali; ghalkemm mhux espressament jinvoka n-nullita' ta' dan it-tieni kap, qieghed jeccepixxi difett fih. Din il-Qorti, wara li qrat bir-reqqa it-tieni kap u wara li rat l-Artikoli 263, 264, 265 u 266 tal-Kodici Kriminali, hi tal-fehma li l-akkuzat ghandu ragun. Ma hemm xejn fil-parti esposittiva li ragjonevolment u fis-sustanza tammonta ghall-aggravju tal-mezz. Il-fatt li jinghad li l-akkuzat "halla dizordni u tifrik shih fil-kamra in kwistjoni" certament ma hux bizzejjed sabiex wiehed jista' jghid li qed jingiebu fatti li, fis-sustanza, jammontaw ghal-"ksur" fis-sens tal-Artikolu 264(1) tal-Kodici Kriminali. Ghall-motivi premessi, **tilqa' din it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat** u konsegwentement **tordna li fiz-zewg paragrafi fit-tieni kap fejn hemm deskritt ir-reat jigu kkancellati il-kliem "bil-mezz [ksur ta' gewwa jew ta' barra jew bi skalata, cioe' billi b'xi mod wiehed jixxabbat biex jitla' jew jinzel, jew ksur ta' mezzi bhal dawn li qeghdin sabiex ma jhallux id-dhul f'dar jew f'lok iehor jew f'recint]" kull fejn dawn il-kliem jirrikorru**. Il-Qorti ma tarax li hemm ghalfejn taghmel korrezzjoni fl-artikoli kkwotati f'dan il-kap; dawn l-artikoli ma jitqeghdux quddiem il-gurati u huma biss intizi ghall-ghajnuna tal-Qorti jekk u meta tigi biex taghti l-piena.

5. It-tielet eccezzjoni tal-akkuzat tghid hekk:

"Illi subordinatament u minghjr pregudizzju ghas-suespost in-<u>nomini</u> tal-esperti <u>ma saritx skond il-ligi</u> u konsegwentement ir-rapporti ta'

dawk l-esperti mhux korrettement nominati ghandhom jigi sfilzati mill-process" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kjarament l-eccezzjoni hawnhekk tirrigwarda l-fatt tan-nomina *ut sic*, u cioe' jekk l-esperti, jew xi whud minnhom, gewx nominati skond il-ligi, u mhux ta' x'gara jew ma garax wara dik in-nomina. Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 1999 din il-Qorti stiednet lid-difiza sabiex, b'referenza ghal din it-tielet eccezzjoni "tindika liema huma l-esperti li qed tirreferi ghalihom (u dan b'referenza ghall-pagni fl-atti tal-process fejn huma gew nominati bhala esperti) kif ukoll tindika jekk din l-eccezzjoni hix b'xi mod qed tigi arginata[1] u limitata ghal dawk l-"esperti" li huma wkoll membri tal-Korp tal-Pulizija". Bin-nota tieghu tas-26 ta' Mejju, 1999 l-akkuzat mar oltre l-eccezzjoni tieghu kif formulata u, kif jidher mill-paragrafi (c) u (d) a fol. 47 tal-atti akkuza, issa qed jitlob l-isfilz tar-rapporti tal-Professur Hector Galea u ta' Martin Bajada ghax, skond hu, dawn marru oltre l-inkarigu originali taghhom. Din hi, fil-fehma tal-Qorti, eccezzjoni sostanzjalment differenti minn dik sollevata bin-nota tat-18 ta' Dicembru, 1998. In kwantu din l-eccezzjoni gdida nghatat fis-26 ta' Mejju, 1999 ghandha titqies bhala fuori termine. Fi kwalunkwe kaz, pero', din il-Qorti ma tara ebda irregolarita' f'dak li ghamlu l-Professur Galea u s-sur Martin Bajada. Il-Professur Galea gie nominat fl-inkjesta dwar l-*in genere* (ara l-attijiet tal-*proces-verbal*, fol. 40 fl-attijiet tal-istruttorja) u sussegwentement konfermat fl-istruttorja (fol. 20) evidentement biex jaghmel xoghol ta' "forensic odontology". Il-qorti (jew il-magistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*) li tinnomina espert fi branka ta' hila jew sengha specjali m'ghandhiex ghalfejn tispecifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert ghandu jaghmel. In fatti l-qorti taghti d-direttivi mehtiega lill-esperti kull meta jkun hemm bzonn ("....whenever it is expedient....", fit-test ingliz) (Art. 650(5), Kap. 9); izda l-espert hekk nominat, propju minhabba l-*expertise* tieghu, jibqaghlu margini ta' diskrezzjoni sabiex jaghmel "ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha" tieghu (ara Art. 653(1)). L-impronti jew *casts* li l-Professur Galea gie ordnat jiehu ma giex ordnat jehodhom biex joqghod ihares lejhom; dawn evidentement ittiehdu biex l-espert hekk nominat ikun jista' jaghmel it-tqabbil mehtieg. Anke jekk dana l-espert ha impronti tad-dwiefer (tal-kelba), impronti li ma kienux specifikatament imsemmija mill-magistrat inkwirenti, ir-relazzjoni tieghu (fol. 782) mhix ibbazata fuq dawn l-impronti ta' dwiefer. Il-kaz kien ikun, naturalment, differenti kieku l-imsemmi Professur Galea xehed u esprima opinjoni meta hu qatt ma kien gie nominat fil-kamp tal-"forensic odontology". L-istess jista' jinghad ghal Martin Bajada, bid-differenza li n-nomina tieghu kienet espressament aktar wiesa' u generali (ara fol. 41 tal-attijiet tal-istruttorja). Pero' dan kollu din il-Qorti qed tghidu *obiter*, peress li l-eccezzjoni kif sollevata bin-nota tat-18 ta' Dicembru, 1998 hi limitata ghar-regolarita' tan-nomina bhala "espert" u mhux ghal xi haga li saret jew ma saritx skond dik in-nomina. In fatti l-unika problema li tqum fl-ambitu tal-eccezzjoni kif sollevata bin-nota tat-18 ta' Dicembru, 1998 hi fil-konfront ta' "esperti" li huma wkoll membri tal-Korp tal-Pulizija. Konformement ma' prassi u gurisprudenza ormai stabbilita, dawn l-

[1] Fl-original tal-verbal hemm il-kelma "sancinata", li evidentement riedet tkun "arginata".

"esperti" li huma wkoll membri fil-Korp tal-Pulizija huma producibbli pero' limitatament dwar fatti li huma irriskontraw, u ma jistghux jesprimu opinjoni *qua* esperti. Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar din it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat billi **tirrespingi din l-eccezzjoni kif formulata, izda fl-istess waqt tipprovdi li dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija li gew nominati bhala "esperti", ghalkemm huma producibbli bhala xhieda u r-relazzjonijiet taghhom huma producibbli bhala dokumenti, dawn jistghu jixhdu limitatament dwar fatti li kkonstataw u minghajr ma jesprimu opinjonijiet *qua* esperti; u bl-istess limitazzjonijiet huma producibbli r-relazzjonijiet taghhom.**

6. Ir-raba' eccezzjoni tghid hekk:

"Illi subordinatament u minghjr pregudizzju ghas-suespost, jeccepixxi l-inammissibilita' tax-xhieda u ta' kull prova ohra maghmula minn, Martin Bajada u l-Professur Hector Galea. Ta' l-ewwel mhux "computer analyst" b'tahrig fl-odontologija u/jew fil-foresika; it-tieni mhuwiex "forensic odontologist" u allura hwanhekk ci manca l-aqwa prova".

Fin-nota tas-26 ta' Mejju, 1999 l-akkuzat ikompli jghid li ghalkemm ma jiddubitax mill-professjonalita' ta' dawn iz-zewg sinjuri, dawn "ma jikkostitwixxux l-ahjar prova skond il-ligi". Issa, fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzulha mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament "hila jew sengha specjali" (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. Hu propju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt "mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu" (Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk Martin Bajada u l-Professur Hector Galea humiex l-ahjar prova, ossia l-ahjar esperti, li setghu jingiebu f'dan il-kaz hi kwistjoni ta' fatti rimessa ghall-gurati, u mhux kwistjoni ta' ammissibilita' ta' provi li tista' titqanqal f'dana l-istadju. Ghalhekk din il-Qorti **tirrespingi din ir-raba' eccezzjoni** tal-akkuzat.

7. Jibqa' ghalhekk biex tigi deciza l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali dwar l-inammissibilita' tax-xhieda Professur Joseph Camilleri u Dott. Joseph Louis Grech indikati mill-akkuzat fil-lista tieghu tat-18 ta' Dicembru, 1998. L-akkuzat, fin-nota tieghu tal-20 ta' Jannar, 1999, indika l-oggett tal-prova ta' dawn iz-zewg xhieda hekk:

"B'referenza ghax-xhieda tal-Professur Joseph Camilleri u ta' Dottor Joseph Louis Grech, jinghad li d-deposizzjoni fattwali minnhom rikjesta tinsab marbuta mar-risultanzi sottomessi minn xhieda elenkati fil-lista ta' l-Avukat Generali".

Mitlub jindika (ara l-verbal tat-12 ta' Mejju, 1999, fol. 45 tal-atti akkuza) ghal liema "xhieda elenkati fil-lista ta' l-Avukat Generali" qed jirreferi, l-

akkuzat indika lil Dott. Andrew Falzon, Dott Brigitte Ellul, Martin Bajada, Dott. Mario Scerri, Joseph Camenzuli, Professur Hector Galea u Mario Zarb (ara n-nota tas-26 ta' Mejju, 1998). Dawn huma kollha esperti nominati fil-kors ta' inkjesta dwar l-*in genere* u sussegwentement konfermati fl-istruttorja. Ghalkemm l-oggett tal-prova tax-xhieda Professur Joseph Camilleri u Dott. Joseph Louis Grech hu indikat b'mod mill-aktar sibillin, hu evidenti li dak li jrid jaghmel l-akkuzat hu li, ghall-esperti nominati mill-Qorti jopproduci l-esperti tieghu, ossia esperti *ex parte.* Dan evidentement ma jistax isir. Din il-Qorti ser ittenni dak li qalet fis-sentenza taghha tal-31 ta' Awissu, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri**:

*"Din il-Qorti, u kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali, hi obbligata li ma thalli lil hadd jipprova jirraggira id-dispost tal-ligi dwar il-perizji. Ma jirrisultax mill-oggett tal-prova kif dikjarat, li dan ix-xhud*[2] *jaf xi haga* di scienza propria *dwar il-"facts in issue" jew il-"facts relevant to the issue"; dan ix-xhud jidher li ser jigi prodott biss biex jaghti opinjoni dwar dak li jkun irrisulta mid-deposizzjonijiet ta' haddiehor....".*

Ghal dawn il-motivi, **tilqa' l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali dwar l-inammissibilita' tax-xhieda Professur Joseph Camilleri u Dott. Joseph Louis Grech, u konsegwentement tiddikjara dawn l-istess xhieda inammissibbli.**

U b'dan il-mod tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha sollevati."

L-akkuzat Mario Pollacco interpona appell permezz ta' rikors prezentat fit-2 ta' Awissu 1999 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :-
(a) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn cahdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu u minflok tilqa' dawn l-eccezzjonijiet kollha skond il-ligi,

(b) tikkonfermaha fejn laqghat it-tieni eccezzjoni tieghu u fejn fit-tielet eccezzjoni ipprovdiet illi membri tal-korp tal-Pulizija jkunu producibbli limitatament dwar fatti li kkonstataw u minghajr ma jesprimu l-opinjonijiet qua esperti (u bl-istess limitazzjonijiet huma producibbli r-relazzjonijiet taghhom) u

(c) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn laqghat l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissabilita' tax-xhieda tal-Professur Joseph Camilleri u Dottor Joseph Louis Grech, u konsegwentement tammetti l-imsemmija xhieda.

Din il-Qorti ser tiehu l-aggravji tal-appell wiehed wiehed kif sottomessi u tghid mill-ewwel illi ftit ser tidhol fid-dettal fil-kaz tal-aggravji kollha illi gew proposti minhabba illi essenzjalment hija taqbel mija fil-mija ma' dak illi gie deciz mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. U li piu' o meno jirrispondi

[2] F'dan il-kaz ix-xhud mitlub mid-difiza inserta li kien ukoll Dott. Joseph Louis Grech.

ghal dawn l-aggravji. Pero' dak li hu appena necessarju li jinghad b'riferenza ghall-aggravjj tal-appell kif proposti, ser jinghad.
L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tieghu u fir-rigward huwa jissottometti illi l-eccezzjoni kienet tmur oltre l-interpretazzjoni moghtija lilha mill-ewwel Onorabbli Qorti. Id-dicitura tal-eccezzjoni tieghu kif moghtija kienet intiza mhux biex jigi kontestat il-korrettezza o meno tal-Att tal-Akkuza izda sabiex jigi osservat illi l-att tal-akkuza kif redatt ma jsibx sostenn fil-ligi. Huwa jissottometti illi hawnhekk mhux qed nitkellmu dwar jekk reat migjub fl-att tal-akkuza ikunx johrog jew le mill-atti tal-kumpilazzjoni li tkun saret, izda qieghed jinghad illi minkejja d-dover tal-Avukat Generali li ghamel l-Att tal-Akkuza, dana ma jfissirx u ma jintitolahx u ma jtihx poteri assoluti meta jigi biex jirredigih. Jinghad illi l-istruttorja ssir proprju, fost ragunijiet ohra, sabiex l-Avukat Generali jkollu parametri u kontrolli legittimi. Dan hu proprju dak li m'ghamilx fil-fehma tal-appellant, l-Avukat Generali billi mar 'l hemm mill-parametri tal-ligi u ghalhekk l-eccezzjoni kellha tigi milqugha.

Kwantu jirrigwarda dan l-aggravju tal-appell din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti dwar il-mod kif issa qieghed idawwar il-veru sinjifikat tal-eccezzjoni minnu moghtija fi prim'istanza. Il-kuntest tal-eccezzjoni minnu moghtija fi prim'istanza huwa dak spjegat mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata u r-risposta ghall-istess eccezzjoni tinsab proprju f'dak illi qalet l-ewwel Onorabbli Qorti b'referenza ghal gjurisprudenza, inkluza dik ta' din il-Qorti, in materja. Din il-Qorti ma tarax li huwa necessarju li terga' tirrepeti dak li qalet f'sentenzi ohra taghha u li gie, fi kwalunkwe kaz, iccitat mill-ewwel Qorti u ser tieqaf hawn fuq dan l-aggravju li ma jimmeritalux attenzjoni iktar minn hekk.

It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda it-tielet eccezzjoni tieghu sollevata fi prim'istanza. Huwa ma jaqbilx mal-ewwel Onorabbli Qorti u jissottometti li l-eccezzjoni originali tieghu moghtija fit-18 ta' Dicembru 1998 kienet titkellem dwar l-isfilz tar-rapporti mill-process, u mhux kif donnu qed jinghad fis-sentenza appellata, li kien bin-nota tas-26 ta' Mejju 1999 li qed jintalab dan l-isfilz. Bin-nota tas-26 ta' Mejju 1999, huwa ma kienx u ma ried qatt iressaq ecezzjonijiet ohra ghax jaf li dan ma setax jaghmlu, izda ried biss jaghti spjegazzjoni in sostenn tal-eccezzjoni originali tieghu. Fil-kuntest ta' dan huwa ghalhekk isostni l-eccezzjoni minnu moghtija fil-prim'istanza.

Anke hawn b'dispjacir din il-Qorti tinnota li l-appellanti donnu qed jimmagina illi la l-ewwel Qorti u lanqas din il-Qorti ma huma attenti bizzejjed ghal dak li huwa ezami ta' l-atti processwali u tas-sottomissjonijiet maghmula. Infatti dak li qed jigi sottomess illum huwa differenti minn dak illi effettivament gie sottomess minnu fi prim'istanza u li giet konsidrat tajjeb mill-ewwel Onorabbli Qorti. Infatti bit-tielet eccezzjoni tieghu kif originarjament intavolata, cioe' dik illi hemm citata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, huwa kien qed jorbot it-talba tieghu jew is-sottomissjoni tieghu ghall-isfilz tar-rapporti peritali mhux fuq il-bazi illi xi whud minn dawn il-periti jew esperti kienu marru oltre l-inkarigu originali taghhom imma fuq il-bazi li huma ma kienux gew korrettement nominati. Imbaghad kif sewwa gie rilevat mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-26 ta' Mejju, huwa mar oltre l-eccezzjoni kif formulata originarjament billi ppretenda illi r-rapport tal-Professur Hector Galea u ta' Martin Bajada kellhom jigu sfilzati ghaliex dawn kienu marru oltre l-inkarigu originali

taghhom. Jigifieri dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kien perfettament f'loku u mhux sewwa illi l-appellant jipprova jaghti ad intendere illi speci l-ewwel Qorti ma ndunatx bil-veru sinifikat tal-eccezzjoni tieghu kif moghtija originarjament. Anke dan l-aggravju ghalhekk ser jigi respint.

L-aggravju li jmiss jirrigwarda r-raba' eccezzjoni tieghu u hawnhekk huwa jissottometti illi l-argumentazzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward ma tolqotx l-eccezzjoni kif maghmula. Huwa jaqbel li huwa il-gudikant tal-fatti, cioe' l-gurat, li jrid jiddeciedi jekk iridx joqghod ghall-fehma tal-perit jew le. Dan pero' wara li l-perit ikun ammissibbli bhala xhud. Mhix fil-kompetenza tal-gurat li jiddeciedi jekk xhud jikkostitwixxix l-ahjar prova ghax dan huwa punt ta' ligi u r-regola fiha nnifisha hija li ghandha tingieb l-ahjar prova u jrid jigi deciz mill-Qorti. Kien ghalhekk proprju li huwa ressaq bhala eccezzjoni l-inammissibilita' tal-Professur Hector Galea u ta' Martin Bajada.
Illi frankament din il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju frivolu ghall-ahhar kif anke vessatorju. Dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward u cioe' illi l-esperti jigu nominati mill-Qorti u li mbaghad il-kwistjoni ta' x'valur probatorju jinghad ghal dak illi jghidu, anke fuq bazi ta' dak li jirrizulta bhala esperjenza professjonali taghhom, ikun jispetta lill-gurati huwa ineccepibbli u mhux il-kaz li jinghad iktar fuq hekk. Ghalhekk, anke dan l-aggravju ser jigi respint.

Fl-ahharnett, l-appellant jilmenta ukoll mid-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti in kwantu akkoljiet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita' tax-xhieda tal-Professur Joseph Camilleri u ta' Dottor Joseph Louis Grech. Huwa jissottometti illi jhossu aggravat b'din id-decizjoni. Huwa m'hu qieghed bl-ebda mod jintroduci esperti "ex parte" u li dawn riedhom biex jixhdu dwar fatti rizultanti mill-atti processwali.

Din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Onorabbli Qorti apparti milli ddeskriviet il-mod kif gie indikat l-oggett tal-prova tax-xhieda tal-Professur Joseph Camilleri u ta' Dottor Joseph Louis Grech bhala wiehed mill-aktar sibillin, taqbel perfettament ma' dak li gie deciz fi prim'istanza illi m'hemmx dubju illi l-intenzjoni tal-appellanti hija dik illi jipprova johloq u jipprezenta fil-guri esperti tieghu cioe' esperti "ex parte", haga li din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tistax tittollera.
Ma baqax iktar aggravji x'jigu konsidrati u ghall-motivi esposti, ghalhekk, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita taghha. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Dep/Reg
mg